4 ta' Mejju, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

John Bartolo *versus* Rosina Bonnici et.

## Retratt — Spejjeż Rimborżabbli lir-Retrattarju — Likwidazzjoni — Kjamata fil-Kawża — Depożitu — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 961 tal-Kap. 15

*Ir-retraent ma jistax serjament isostni li hu ma għandux interess f'kawża li ssir biex jiġu likwidati l-ispejjeż leġittimi magħmula mir-retrattarju fil-fond minnu akkwistat u mbgħad irkuprat, speċjalment meta huwa jkun ħa atteġġjament li juri li hu għandu dak l-interess.*

*Għaldaqstant, jekk akkwirent ta' fond jiġi assjonat biex iħallas xi spejjeż li jkunu saru fil-fond minn dak l-akkwirent, prevja l-likwidazzjoni tagħhom, u l-fond jiġi rkuprat, ir-retraent ma jistax jallega li ma kienx hemm lok li hu jiġi msejjaħ fil-kawża magħmula għal dik il-likwidazzjoni, u li għalhekk huwa ma għandux ibati ebda parti mill-ispejjeż ta' dik il-kawża.*

*Dak ir-retraent lanqas jista' jallega li bil-kjamata tiegħu fil-kawża huwa jista' jiġi preġudikat; għaliex, b'liġi, it-terza persuna msejħa fil-kawża titqies bħala konvenut ieħor, u bħala tali għandha d-dritt li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tgawdi l-benefiċċji li l-liġi tagħti lill-konvenut.*

*Trattandosi ta' djun illikwidi, il-ġurisprudenza nostrali adottat rimedju favur id-debitur, biex dan jista' jeħles mill-ispejjeż ġudizzjarji, billi rrikonoxxiet li d-debitur jista' joffri dik is-somma li jidhirlu konvenjenti, basta mhux irriżorja, u basta li jagħmel riżerva għal kwalunkwe supplement, u, jekk dik is-somma tiġi rifjutata, jiddepożitaha. Għaldaqstant id-debitur ma jistax, finnuqqas ta' dak id-depożitu, jippretendi li jiġi meħlus mill-ispejjeż ta' domanda li ssir kontra tiegħu għall-ħlas, billi jallega li huwa kien offra lill-kreditur somma anki akbar minn dik li eventwalment ġiet kanonizzata, imma li huwa ma ddepożitax meta ġiet rifjutata.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuta tkun kundannata biex tħallas lill-attur is-somma ta' £107 11s. 9d. għal xogħol u spejjeż li saru fil-fond tagħha numru 2, Żurrieq Road, Birżebbuġa, skond il-kont anness maċ-ċitazzjoni (dok. A); bl-ispejjeż u bl-imgħax, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal 11 ta' Marzu, 1953, u tal-mandat ta' sekwestru tal-21 ta' Marzu, 1953, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha ssottomettiet illi x-xogħol magħmul mill-attur ma ħaqqux iżjed minn £60, li hija ġa offrietlu minn qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u li qegħedha terġa toffriha; jekk l-

attur ma jaċċettax dan l-ammont, hija ma tammettix li għandha tagħti ħlief dak li jiġi likwidat;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Schembri, li biha ssottometta illi huwa ma għandu ebda interess f'din il-kawża, li tinteressa esklużivament lill-attur u lill-konvenuta Rosina Bonnici, u għalhekk talab li jiġi liberat "ab observantia"; irrileva wkoll illi huwa ma għandux ibati ebda parti mill-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1956, li biha rrespinġiet, bl-ispejjeż, l-eċċezzjoni ta' "carenza d'interesse" sollevata mill-kjamat in kawża Schembri, u laqgħet it-talba tal-attur billi kundannat lill-konvenuta tħallas is-somma ta' £53. 15s. 11, bl-imgħax mill-jum tas-sentenza. Kwantu għall-kap tal-ispejjeż, ordnat li l-kjamat fil-kawża, barra l-ispejjeż lilu akkollati, jissaporti l-is pejjeż tiegħu; fir-relazzjonijiet, mbgħad, bejn attur u konvenuta, l-ispejjeż jitħallsu fil-proporzjon tat-telf u r-rebħ, eċċettwati dawk relattivi għar-rikors tal-konvenuta tad-9 ta' Frar 1954, u tar-risposta tal-attur tat-22 ta' l-istess xahar, li għandhom jitħallsu mill-konvenuta; wara li kkunsidrat, dwar in-nuqqas ta' interess eċċepit mill-kjamat fil-kawża;

Illi huwa indubitat li l-imsemmi Schembri, bħala retraent, għandu nteress fil-likwidazzjoni tal-ispejjeż minnu rimborżabbli lill-konvenuta retrattarja; tant li huwa, wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni odjerna, għamel kawża lill-konvenuta biex jiġi likwidat l-ammont lilha dovut in konnessjoni mar-retratt, fost oħrajn l-ispejjeż li saru fil-fond irkuprat. Dan l-interess jidher ukoll mill-atteġġjament ta' l-imsemmi Paolo Schembri f'dik il-kawża, fejn huwa ma opponiex ruħu li tkun differita "sine die" sakemm tkun deċiża l-kawża odjerna. Del resto, il-likwidazzjoni f'dan il-ġudizzju tista' sservi biex tiffranka almenu parti mill-ispejjeż fil-kawża l-oħra. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni ta' l-imsemmi Paolo Schembri mhix sostenibbli;

Illi, fil-meritu, l-attur jippretendi li x-xogħol tiegħu kien bil-ġurnata, u hekk kellu jitħallas; il-konvenuta tikkontesta dina l-pretensjoni. Mill-provi miġjuba ..........;

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni tal-kjamat in kawża Paolo Schembri, fol. 43, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata in kwantu li rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-appellant li hu ma għandux interess fil-kawża u in kwantu kkundandannatu iħallas l-ispejjeż; billi jiġi minflok liberat "ab observantia" u meħlus mill-ispejjeż;

Rat, fol. 40, ir-risposta tal-attur John Bartolo, li biha ssottometta li l-kjamata fil-kawża tal-appellant Schembri ġiet mitluba mill-konvenuta Rosina Bonnici għal raġunijiet li ma kienux jinteressaw lill-esponent, u dan, għal daqstant, qatt ma jista' jiġi mġiegħel iħallas ebda parti mill-ispejjeż li dik il-kjamata in kawża setgħet impurtat;

Rat, fol. 48, ir-risposta tal-konvenuta Rosina Bonnici, li biha appellat inċidentalment, u talbet li l-appell prinċipali tal-kjamat in kawża jiġi respint, bl-ispejjeż, u li jiġi akkolt l-appell inċidentali tagħha, billi, kwantu għallkap tal-ispejjeż bejnha u l-attur Bartolo, li hi ġiet kundannata tħallas fil-proporzjon tal-vittorja u sokkombenza, tiġi liberata minn kull spiża;

Trattat l-appell wieħed u l-ieħor;

Ikkunsidrat, kwantu għall-appell prinċipali;

Illi l-kjamat in kawża Schembri ma jistax serjament isostni li ma għandux interess fil-kawża, meta hu stess, kif jidher mil-fol. 45 tal-proċess l-ieħor "Paolo Schembri vs. Rosina Bonniċi" (ċitazzjoni 1002/1953), pendenti "sine die" quddiem din il-Qorti, qal, b'riferenza għal dik il-kawża, dawn il kliem: — "Illi l-esponent eżamina l-atti tal-kawża msemmija fir-rikors, u b'mod speċjali r-relazzjoni talperit inkarigat mill-Qorti biex jillikwida l-ammont dovut għall-benefikati li saru fil-fond irkuprat mill-esponenti; illi l-esponenti mhux kuntrarju, biex jiġu evitati spejjeż, li l-likwidazzjoni tkun unika; anzi l-esponent ma jistax jifhem għaliex il-konvenuta ma nfurmatux qabel il-kawża "Bartolo vs. Bonniċi", imsemmija fir-rikors tagħha, meta din kienet tirrigwarda l-istess meritu tal-kawża preżenti";

Din ir-risposta, b'dawn il-kliem, ġiet preżentata fit-28 ta' Jannar 1955. It-talba għall-kjamata in kawża saret wara, ċjoè fit-12 ta' Marzu, 1955, u ġiet akkordata fis-17 ta' dak ix-xahar, wara li din il-Qorti, fil-kawża l-oħra fuq imsem-

mija "Schembri vs. Bonnici" (fol. 46), kienet iddifferiet dik il-kawża "sine die" stante l-adezjoni tal-konvenuta u ta' l-appellant odjern (attur f'dik il-kawża) sakemm tinqata' din il-kawża;

Anki mingħajr il-kliem fuq riportat, li evidentement jimpurtaw konfessjoni tal-interess tiegħu, l-appellant ma jistax lanqas serjament isostni li hu, bħala retraent tal-fond "de quo", ma għandux interess fil-likwidazzjoni tal-ispejjeż;

Lanqas jista' jkollha ombra ta' fondament l-osservazzjoni tal-appellant, li bil-kjamata in kawża seta' jiġi preġudikat; għaliex, b'liġi (art. 961 Kap. 15), it-terza persuna msejħa fil-kawża titqies bħala kull konvenut ieħor, u bħala tali għandha d-dritt li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tgawdi kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut;

L-appell prinċipali hu, għalhekk, infondat;

Kwantu għall-appell inċidentali tal-konvenuta Bonnici;

Il-kundanna tagħha għall-ħlas tal-ispejjeż, fil-konfront bejnha u l-attur, fil-proporzjon tar-rebħ u t-telf, hija konformi għar-regola solita. Għalkemm din Bonnici (kif allegat hi) offriet lil Bartolo s-somma ta' £60, mentri hu talab £107. 11. 9 u l-Qorti indefinittiva llikwidat favur tiegħu s-somma ta' £53. 15. 11, b'dan kollu Bonnici ma għamlet ebda depożitu tal ammont minnha offert. Avvolja si trattava ta' ammont mhux likwidu, il-ġurisprudenza nostrali adottat rimedju billi rrikonoxxiet li d-debitur jista' joffri dik issomma li jidhirlu konvenjenti, basta mhux irriżorja, u basta ssir riżerva għal kwalunkwe supplement (ara P.A. "Mangion vs. Ellul", 8 ta' Marzu, 1897, Vol. XVI-II-20). Għalhekk Bonnici ma tistax tippretendi li l-ispejjeż li weħlet hi jmorru fuq il-kjamat in kawża, meta l-kundanna tagħha kienet dovuta għan-nuqqas tagħha, li ma għamlitx depożitu ta' somma raġjonevolment approssimattiva. Hu veru li l-kontestazzjoni tagħha ġġjovat lill-kjamat in kawża, u li dan hu r-retraent tal-fond; imma Schembri ma setgħax jirrimedja b'depożitu qabel il-kawża ntentata minn Bartolo, mentri Bonnici setgħet;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

*Billi tirrespinġi l-appell* prinċipali, bl-ispejjeż kontra l-kjamat in kawża appellant;

Billi tirrespinġi wkoll l-appell inċidentali, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Bonnici;

Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u tordna li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif ordnati minn dik il-Qorti.